MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 1214/2011

**Bitmac (Works) Limited (C15559)**

**vs**

**JAJ Company Limted (C22257)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat presentat mis-socjeta’ attrici Bitmac (Works) Limited fejn gie premess :-

Illi s-socjeta’ attrici hija kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ sitta u ghoxrin elf, seba’ mija u disgha u tletin euro u tlieta u tletin centezmu (€26,739.33) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ materjal mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ kreditrici fuq inkarigu tal-istess socjeta’ konvenuta u dana kif jirrizulta mill-anness

Statement, u l-Invoices u Delivery Notes relattivi ghall-istess (Dok. “B2” sa Dok. “B23”).

Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma  ta’ l-istess socjeta’ attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta’ l-istess socjeta’ attrici, s-socjeta’ konvenuta m’ghandiex ebda eccezzjoni xi tresaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta’ attrici qed titlob li din il-kawa tigi deciza bid-dispensa tas-smegh skond l-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 ta’ Ligijiet ta’ Malta. Qed titlob ukoll li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ sitta u ghoxrin elf, seba’ mija u disgha u tletin euro u tlieta u tletin centezmu (€26,739.33) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ materjal mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ kreditrici fuq inkarigu tal-istess socjeta’ konvenuta u dana kif jirrizulta mill-anness Statement, u l-Invoices u Delivery Notes relattivi ghall-istess (Dok. “B2” sa Dok. “B23”).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta’ l-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta rapprezentanti ta’ liema gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta’ Hector Camilleri presentat mis-socjeta’ attrici.

Rat li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata naqset li tidher u naqset ukoll li tippresenta n-nota tal-ecezzjonijet taghha.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Semghat lix-xhud prodott mis-socjeta’ attrici.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat :-

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet tas-socjeta’ attrici jirruzultaw sufficjentement ippruvati u ghalhekk l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti.

Ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ sitta u ghoxrin elf, seba’ mija u disgha u tletin euro u tlieta u tletin

centezmu (€26,739.33) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-konsenji sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------